



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

Brussel, 6 ta' Lulju 2004

11219/04

**ECOFIN 271
UEM 141**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill lil Malta bil-ksieb li tiġi mitmuma s-sitwazzjoni ta' defiċit tal-gvern eċċessiv – Applikazzjoni ta' l-Artikolu 104(7) tat-Trattat

Id-Delegazzjonijiet ser isibu meħmuża r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill lil Malta bil-ksieb li tiġi mitmuma s-sitwazzjoni ta' defiċit tal-gvern eċċessiv – Applikazzjoni ta' l-Artikolu 104(7) tat-Trattat, kif adotatt mill-Kunsill ECOFIN fil-5 ta' Lulju 2004.

It-test ta' din ir-Rakkomandazzjoni huwa magħmul pubbliku bi ftehim mal-gvern Malti.

Anness

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL LIL MALTA
bil-ħsieb li tiġi mitmuma s-sitwazzjoni ta' defiċit tal-gvern eċċessiv

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 104(7) tiegħu;

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni;

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 104 tat-Trattat, l-Istati Membri għandhom jevitaw defiċit tal-gvern eċċessivi;
- (2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huwa bbażat fuq il-għan ta' finanzi tal-gvern sodi bħala mezz ta' kif jiġu msaħħa l-kondizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli b'saħħtu li jwasslu għall-ħolqien ta' l-impjiegi;
- (3) Il-Kunsill iddeċieda fil-5 ta' Lulju 2004, skond l-Artikolu 104(6), li f'Malta jeżisti defiċit eċċessiv;
- (4) Ladarba ġie deċiż li jeżisti defiċit eċċessiv f'Malta, il-Kunsill, skond l-Artikolu 104(7) tat-Trattat u l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97, huwa mitlub li jagħmel fl-istess ħin rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru konċernat bil-ħsieb li dik is-sitwazzjoni tiġi mitmuma fi żmien determinat;

- (5) Skond l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97, din ir-rakkomandazzjoni għandha tispeċifika li għandha tittieħed azzjoni effettiva mill-Istat Membru konċernat fi żmien ta' mhux iżjed minn erba' xhur u li l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv għandha tiġi kompletata fis-sena ta' wara dik ta' l-identifikazzjoni tagħha sakemm ma jkunx hemm ċirkustanzi speċjali. Tali ċirkustanzi speċjali huma preżenti fil-każ ta' Malta prinċipalment minħabba li d-defiċit ġenerali tal-gvern fil-ħin ta' l-adeżjoni ma' l-UE kien 'l fuq mill-valur ta' referenza b'mod sinifikattiv;
- (6) L-eżistenza ta' ċirkustanzi speċjali tawtorizza lill-Kunsill biex jippermetti l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv f'qafas ta' perijodu medju. Huwa xieraq li jiġi kkunsidrat il-programm ta' konverġenza ppreżentat minn Malta f'Mejju 2004, u l-aġġornamenti sussegwenti tiegħu, u l-Opinjonijiet tal-Kunsill dwaru bħala li jipprovdu t-triq ta' aġġustament għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv. Il-programm ta' konverġenza ta' Mejju 2004 jippjana li jnaqqas id-defiċit eċċessiv għal taħt it-3% tal-valur ta' referenza sa' l-2006, bil-miri annwali li ġejjin għad-defiċit ġenerali tal-gvern: 5.2% tal-GDP fl-2004, 3.7% fl-2005, 2.3% fl-2006 u 1.4% fl-2007. Barra minn hekk, il-programm jipprevedi li l-proporzjon ta' dejn, li laħaq it-72.0% fl-2003, ser togħla iktar 'il fuq mis-60% tal-valur ta' referenza tal-GDP tat-Trattat sa l-2005 (għal 72.4%) imma li ser tinżel 'l isfel wara dan għal 70.4% fl-2007. It-triq ta' aġġustament hija bbażata fuq xenarju makro-ekonomiku li, skond l-Opinjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2004 dwar il-programm ta' konverġenza, huwa plawsibbli;
- (7) Fl-opinjoni tal-Kunsill, miżuri ta' konsolidazzjoni għandhom jiżguraw titjib dejjiemi fil-bilanċ ġenerali tal-gvern, filwaqt li jkunu mgħammra għat-titjib tal-kwalità tal-finanzi pubbliċi u r-rinfurzar tal-potenzjal ta' tkabbir ta' l-ekonomija.

HAWNHEKK JIRRAKKOMANDA:

- l-awtoritajiet Maltin biex itemmu s-sitwazzjoni attwali ta' defiċit eċċessiv mill-iktar fis possibbli;
- l-awtoritajiet Maltin biex jieħdu azzjoni f'qafas ta' perijodu medju sabiex jiksibu l-għan tagħhom li jġibu d-defiċit għal taħt it-3% tal-GDP fl-2006 b'mod kredibbli u sostenibbli, skond it-triq għat-tnaqqis tad-defiċit speċifikat fl-Opinjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2004 dwar il-programm ta' konverġenza ppreżentat f'Mejju 2004;

- l-awtoritajiet Maltin biex jimplimentaw b'ħeġġa l-miżuri previsti fil-programm ta' konverġenza ta' Mejju 2004, b'mod partikolari dawk ta' natura strutturali immirati lejn ir-razzjonalizzazzjoni u t-tnaqqis tan-nefquet;
- l-awtoritajiet Maltin biex jieħdu azzjoni effettiva sal-5 ta' Novembru 2004 dwar il-miżuri previsti biex tinkiseb il-mira tad-defiċit ta' l-2005;
- l-awtoritajiet Maltin biex jiżguraw li ż-żjieda fil-proporzjoni ta' dejn tiġi mwaqqfa fl-2005 u wara dan imreġġa' lura kif speċifikat fl-Opinjoni tal-Kunsill dwar il-programm ta' konverġenza ppreżentat f'Mejju 2004.

Barra minn hekk, il-Kunsill jistieden lill-awtoritajiet Maltin biex jiżguraw li l-konsolidazzjoni tal-*budget* lejn il-posizzjoni tal-*budget* fil-perijodu medju ta' qrib il-bilanċ jew f'eċċess tiġi sostnuta wara li d-defiċit eċċessiv ikun ġie korrett.

Din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Malta.

Magħmula fi Brussel, 5 ta' Lulju 2004.

Għall-Kunsill

Il-President